**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 561/2023/1 GG**

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1027/2020 JRM fl-ismijiet:**

**Paula sive Pauline Debono (K.I. 0676160M)**

**vs.**

**Paul Falzon (K.I. 0422060 M)**
**Tlata Contractors Ltd (C 39842)**

Digriet dwar talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Illum 9 t'Awissu, 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Paul Falzon u s-socjeta' Tlata Contractors Ltd (minn issa "**l-Ezekutati**") tal-4 t'April, 2023 maghmul fuq il-Formola Numru 28 tal-Iskeda B tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li bih

talbu l-hrug ta' kontro-mandat ghal-mandat ta' sekwestru numru1027/2020 JRM;

Rat id-digriet taghha tal-10 t'April, 2023 fejn ordnat notifika lill-kontro-parti Paula sive Pauline Debono (minn issa "**l-Ezekutanti**") bi zmien ghaxart ijiem ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-**Ezekutanti** tas-27 t'April 2023 li bih, ghar-ragunijiet hemm premessi opponiet it-talba;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju, 2023 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2023;

Rat il-verbali tal-udjenzi li kienu differiti minhabba riferti negattivi fin-notifika tal-Ezekutanti;

Semghet lill-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2023;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa wiehed minn tlett rikorsi identici mressaq mill-Ezekutati ghall-hrug ta' kontro-mandat ghall-istess valur kawtelat mill-Ezekutanti ta' Euro 289,00.00 permezz ta' zewg mandati ta' sekwestri u mandat iehor ta' inibizzjoni. Mill-atti migjuba a konjizzjoni tal-Qorti, l-Ezekutanti kienet talbet u ottjeniet il-hrug ta'

tlett mandati kawtelatorji bis-segwenti kawzali: "*in kawtela ta' sehem ir-rikorrenti minn negozju rigwardanti art sitwata fil-konrada "Tal-Ibragg", il-Mosta accessibli minn sqaq li jizbokka fi Triq Durumblat, fil-Mosta*". Il-Mandat ta' Sekwestru numru 1027/2020, li huwa l-mertu tar-rikors odjern, inhareg f'idejn hames banek lokali, Trasport Malta, Registratur tal-Qrati, id-Dipartiment tad-Dwana, id-Dipartiment tal-VAT u nutar Pubbliku filwaqt illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 69/2021 JZM inhareg inizjalment f'idejn zewg individwi u sussegwentement zdiedu tlett sekwestratarji ohra maghhom. L-istess Ezekutanti kienet ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Kawtelatorju bin-numru 219/2021 ghall-istess kawzali b'dikjarazzjoni ulterjuri li t-talba taghha kienet "*dedotta b'rikors guramentat numru 714/20 MH*".

2. Illi l-Ezekutati naqsu milli jaghtu aktar informazzjoni sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tara l-kwadru komplet tal-kwistjoni, izda, stante li t-tlett talbiet ghall-hrug ta' kontro-mandat jinsabu pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta, qed issir referenza ghall-fatti li jemergu mit-tlett processi flimkien. Konsegwentement jista' jinghad illi minn dak li tista' tifhem il-Qorti, jidher li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni fejn wahda minnhom, l-Ezekutanti, qed titlob is-sehem taghha min-negozju tal-art msemmija *supra*. Issa, apparti z-zewg sekwestri kawtelatorji, l-Ezekutanti talbet u ottjeniet l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju mhux fuq din l-art, izda fuq fondi differenti li apparentement jappartjenu lill-Ezekutat Paul Falzon. Dan qed jinghad ghaliex fid-dikjarazzjoni guramentata tal-Ezekutanti ghal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, minkejja li dan

huwa intestat sia kontra Paul Falzon sia kontra Tlata Contractors Ltd, il-kawzali tiddeskrivi lill-intimat u mhux l-intimati u ghalhekk sakemm ma jirrizultax mod iehor, il-proprjeta' in kwistjoni tidher li tappartjeni lill-Paul Falzon;

3. Illi wara l-hrug ta' dawn it-tlett mandati kawtelatorji, l-Ezekutanti ddepozitaw that l-awtorita' tal-Qorti s-somma ta' Euro 289,800.00 "*liema somma tkopri l-kreditu pretiz minn Paula sive Pauline Debono flimkien mal-ispejjez tal-imsemmija Mandati, u dan sabiex jigi permess lilhom li jitolbu u jottjenu il-hrug tal-opportuni Kontro-Mandati ghall-imsemmija Mandati…. u dan sabiex l-import depozitat jaghmel tajjeb ghat-talba ta' Paula sive Pauline Debono kontenuta fl-imsemmija Mandati….*" (Cedola 694/23 tal- 4 t'April, 2023;

4. Illi l-Ezekutanti qed topponi ghal din il-talba ghas-segwenti ragunijiet primarjament fosthom ghaliex il-garanzija offerta mhix wahda sufficjenti. Tghid l-Ezekutanti illi mir-ricerki ta' Paul Falzon minnu prezentati fi proceduri ohra jirrizulta illi l-istess Ezekutat ghandu registrati kontra tieghu ipoteki generali fl-ammont komplessiv ta' miljun u mitt elf Euro u dawn maggjorment huma dwar self fuq l-idejn liema djun jiehdu precedenza fi hlas ghal dak dovut lill-Ezekutanti. Oltre dan il-patrimonju tas-socjeta' Tlata Contractors mhux mgharuf stante li din ilha mis-sena 2009 ma tipprezenta l-account awditjati taghha lir-Registratur tal-Kumpaniji. Tishaq l-Ezekutanti illi d-depozitu sar konguntement minn zewg persuni u mhux solidalment u ghalhekk dan ma jkoprix il-pretensjoni tar-rikorrenti u dan ma jkoprix l-ispejjez tal-mandati mahruga;

Ikkunsidrat inoltre:

5. Illi l-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal dak mitlub mill-Ezekutati bil-mod segwenti:

> **836 (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor that dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:**
>
> **…./….**
>
> **(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' minikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk din il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew**
>
> **…./….**
>
> **(e) Jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed.**

6. Illi dak li allura jehtieg tindaga dwar din il-Qorti, fuq bazi *prima facie,* hu jekk il-garanzija offerta mill-Ezekutati tissodisfax il-kriterju tas-sufficjenti u dan, kif kostantement osservat fil-gurisprudenza, minghajr ma tidhol fil-mertu tal-vertenza pendenti bejn il-partijiet;

7. L-ewwel preokupazzjoni tal-Ezekutanti hi li l-Ezekutat Paul Falzon ghandu insinwati kontra tieghu ipoteki generali fl-ammont

ta' miljun u mitt elf euro. Ezaminati r-ricerki esebiti jirrizulta illi l-Ezekutat Paul Falzon qed jaghmel tajjeb ghal-self f'dan l-ammont b'ipoteka generali u ipoteka specjali fuq l-istess proprjeta' immobbli li dwarha inhareg il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Dawn l-ipoteki jirrizulta li inghataw kontrattwalment mill-Ezekutat Falzon f'hames okkazzjonijiet ta' self, tlieta fis-sena 2019 u tnejn fis-sena 2020. Issa, ghalkemm l-Ezekutanti wriet preokupazzjoni li f'kaz ta' gradwatorja l-ammont depozitat mill-Ezekutati jaghmel tajjeb ghad-debiti kollha tieghu, l-istess Ezekutanti ma ressqet ebda prova fuq bazi *prima facie* li fil-fatt hemm xi proceduri istitwitu mill-kredituri li f'dan il-kaz huwa dejjem l-istess kreditur li silef l-ammont imsemmi fuq kors ta' sentejn maqsum f'hames okkazzjonijiet, mqarr jekk prova ta' talba ufficcjali . Ghalkemm dan in-nuqqas mhux necessarjament ifisser li ma hemm l-ebda inkwiet bejn l-Ezekutat u l-kreditu, ma jistax ma jkunx osservat illi kull self sar bil-kondizzjoni li s-somma mislufa tithallas lura fi zmien sena u minn dak inhar ghaddew erba snin u tlett snin rispettivament;

8. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-pretensjoni tal-Ezekutanti li ghaliex tezisti l-possibbilita' li terzi jkollhom id-dritt ta' precedenza fil-gradwatorja tal-kredituri fil-kaz li jsehh dan, allura l-Ezekutati ma ghandhomx dritt ghall-hrug ta' kontro-mandat.. Din il-possibilita' xorta wahda tista' tavvera ruhha fuq l-ammont sekwestrat f'kaz li kellu jigri dak li qed tghid l-Ezekutanti ghaliex l-ghan tal-mandat ta' sekwestru, wara kollox, m'huwiex li jiggarantixxi l-hlas;

9. Illi lanqas ma tista' l-Qorti taqbel mal-ilment tal-Ezekutanti li l-ammont hekk depozitat ma jkoprix l-ispejjez tal-mandati mahruga kontra l-Ezekutati li f'dan l-istadju huma rizervati u li oltre s-sorte kienet depozitata s-somma ta' tmien mitt euro rapprezenti l-istess spejjes.

10. Illi oltre dan, l-Ezekutanti hija ukoll koperta bil-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-immobbli appartenenti lill-Paul Falzon;

11. Illi ghalhekk il-Qorti tqis il-garanzija offerta bhala wahda sufficjenti fit-termini tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta;

**Decide:**

**Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-Ezekutati Paul Falzon u Tlata Construction Ltd kif postulata fir-rikors numru 561/2023/1 (Formola Nru 28 Kontromandat) tal-4 t'April, 2023 ghal hrug ta' kontromandat ghall-Mandat ta' Sekwestru 1027/2020 JRM. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

---

**Leah Ann DeGiorgio**
**Deputat Reġistratur**